dinja, u l-Istorja ta' Malta hi mera ċar ta' l-Istorja tad-dinja: meta l-Ewropa kienet hienja Malta kienet hienja wkoll, u meta kienet imnikkta Malta tnikktet magħha.

Ħaġa li tolqtok ukoll f'dawn il-poeżiji hi li waħda hi *soggettiva* jiġifieri taħdem aktarx il-fantasija biss u l-oħra *oggettiva*, jiġifieri, il-poeta megħjun mill-fantasija jibni l-poeżija fuq il-ħajja kif jaraha quddiemu. Ħaġa li tistenniha. Iz-Zanella jfisser ħwejjeġ li qatt għajnejn ma raw w anqas widnejn ma semgħu. Dun Karm iġibilna quddiem għajnejna ħajjet il-Bniedem. Għaldaqshekk naraw fihom żewġ kwalitajjiet ta' kwadri. Il-waħda ta' dawk mibnija fuq il-fantasija biss, bħal ma ngħidu aħna din:

Sui tumoli, il piede,
Ne' cieli, lo sguardo,
All'ombra procede
Di santo stendardo.

li kulħadd ipittru f'moħħu kif jidhirlu hu; u l-oħra ta' dawk il-kwadri mibnija aktar fuq il-ħajja milli fuq il-fantasija:

Qatt rajt lil xi xbejba
Mixħuta f'riġlejh
B'idejha f'ħoġorha,
B'għajnejha f'għajnejh,

Tixroblu minn fommu
Il-mewġa tal-kliem
Mimlija bil-ħeġġa,
Mogħnija bis-sliem?

Kwadru bħal dan kulħadd għandu jġibu quddiem għajnejh xorta waħda għax meħud mill-ħajja, li fih inħossu xi ħaġa tagħna, xi ħaġa li wkoll aħna meta konna żgħar għamilna. Barra dan fil-ħajja Maltija fir-rħula kwadru bħal dan tilmħu tista' tgħid kull fil-għaxija fuq l-egħtiebi tad-djar u ma' ġenb il-kwiener fix-xitwa: xi xiħ jew xiħa, mdawwar biż-żgħażagħ iħarrfilhom xi ħrafa minn tiegħu.

Tista' tgħid li l-metru ta' dawn iż-żewġ poeżiji minbarra f'xi rqaqat żgħar huwa l-istess. L-Istrofa taz-Zanella hi ta' seba' versi ta' sitt sillabi l-wieħed b'rima *ab, ab, ċ, dd*. L-Istrofa ta' Dun Karm hi magħmula minn erba' versi ta' sitt sillabi l-wieħed bit-tieni w bir-raba' b'sillaba nieqsa birrima *ab, ċb*. Għalkemm hemm din id-divrenzja bejn dawn l-istrofi, fihom insibu l-istess ton:



Ta' l-Ajkla li ħakmet
Id-dinja żmien twil
Kien għadu ma nkiser
Il-ġewnaħ qalil,

Meta inti fis-sħana
Ta' maġmar inkwejt,
U s-sahra ħasbitlek
Għall-ftila u għaż-żejt.

Tu, prima che desta
all'aure feconde,
Italia la testa
levasse dall'onde,
tu, suora dei polipi,
de' rosei coralli
pascevi le valli.

Issa li rajna fil-qosor f'hiex għandhom x'jaqsmu bejniethom dawn iż-żewġ poeżiji kbar u għolja, iktar nistgħu nwieġbu għat-tifħir fieragħ li Dr. E. Rossi xeħet fuq din il-poeżija ta' Dun Karm: "*Il ritmo di questa poesia* "Il-Musbieħ tal-Mużew" *nel testo Maltese ricorda l'oda* "Sopra una Conchiglia fossile" *dello Zanella ed anche l'intonazione ed il pensiero sono identici.*" Il-metru jaqbel u ma jaqbelx; iżda billi poeta jħaddem metru jixbah lil ta' l-ieħor b'daqshekk ma jnaqqasx mill-oriġinalità tiegħu. Għal dak li hu ħsieb m'humiex ħaġa waħda: iktar kien ikun aħjar li kieku Dr. Ettore Rossi qal: "*l'una poesia è il complemento dell'altra.*"

KARMENU SANT

## XEWQA FIL-MILJA TA' ĦAJTI

Irrid jien naf fejn hawn fid-dinja tagħna
Xi ħadd li ma ġarrabx f'waqtiet moħqrija:
Nuqqas ta' ħaqq, minn min b'idejh setgħana
Jew jgħum fil-ġid, ma jridx li jaf b'mogħdrija!

Sibuli ruħ li m'hix f'waqtiet xebgħana
Minn din il-ħajja fuq din l-art mifnija:
B'nuqqas ta' ġieħ, b'twegħir bejn ġnus felħana
Li reġgħu seħtu l-art b'nirien u dmija.

Nixtieq li hemm xi art imqar imbegħda,
Fejn jgħixu biss bnedmin għall-ħaqq magħrufa,
Li jafu kif ma jkunu qatt għedewwa:

Xi art b'nies ħielsa u ġwejda bħal ħarufa
Li jħobbu s-sewwa u jisħtu lill-mibegħda:
Nixtieq li ngħix f' xi mkien għall-ħaqq u s-sewwa!

M. AGIUS

Villa Lija